**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 49, 50, 172 u 176 tal-Kapitolu 9; u**
**Artikolu 4(1) (2) u 27 (1) (b) ( c) ta' l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

***Kumpilazzjoni Nru:1212/2008***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**EMMANUEL FENECH**
**(ID22661M)**

**Illum, 10 ta' Dicembru , 2015.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **EMMANUEL FENECH** iben Joseph u Rita nee' Gerada mwieled Zabbar fis-27 ta' Dicembru, 1960 residenti Blk A-1 Bieb B Flat 3, Triq id-Dawr, Mosta u detentur tal-karta tal-identita' numru 22661(M), gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-5 ta' April 2008 u fil-granet ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer barra il-kazijiet imsemmija fl-ahhar artikolu ta' qabel l-Artikolu 172, iffalsifika sigilli,

timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtorita' pubblika jew privata, jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kellu ghasafar imharsa bil-ligi minghajr il-permess tad-Direttur fi hdan il-Mepa.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi jew f'xi perjodu qabel din id-data trasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn xi ghasfur minghajr ma ghamel talba lid-Direttur.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht dawn ir-regolamenti.

Akkuzat ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi agixxa bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-A.L. 79 ta' l-2006.

Akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) - Magistrat Michael Mallia datata 11 ta' Jannar 2007 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li kemm il-darba issib htija tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca u l-insib tal-imputat.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid immarkat bhala Dok. AP1 a fol. 6, fedina penali mmarkata bhala Dok. AP2 a fol. 7 et sequitur u l-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 ta' Dicembru, 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. AP3 li jinsab a fol. 11 tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b’digriet ta’ Assenjazzjoni tal-Prim’Imhallef datat 21 ta’ April, 2014 u b’mod permanenti b’digriet tal-20 ta’ Novembru, 2014.

Illi nhar is-27 ta’ Ottubru, 2009 xehed **Stanley Gatt,** Senior Environment Officer mal-MEPA. Spjega li fil-5 ta' April, 2008 ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu huwa kien gie mitlub mill-Pulizija tal-ALE biex jassistihom fi spezzjoni gewwa residenza privata ta’ Emmanuel Fenech, detentur tal-karta tal-identita' numru 22661(M) u dana fi Flat 3, Triq id-Dawr, Blokk 1, Bieb B, Mosta. Lil Emmanuel Fenech gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Huwa spjega illi

qabel ma mar jaghmel din l-ispezzjoni ghamel verifiki biex jiccekja jekk dana Emmanuel Fenech kellux xi licenzja kemm ghall-fond in kwistjoni w f'ismu halli jkun jista' jzomm xi tajr prottett ibbalzmat, u r-rizultanzi kienu illi l-imputat ma kellu l-ebda wahnda minn dawn il-licenzji.

Sussegwentement jghid li akkumpanja lil PS 1033 kif ukoll lil PS305 fir-residenza fuq imsemmija. Maghhom marru wkoll PC433 u PC804. Spjega li dina l-ispezzjoni saret fil-presenza tal-imputat u minnha rrizulta li kien hemm kollezzjoni ta' tajr ta' mija disgha u hamsin ezemplari. F'dan ir-rigward esebixxa dokumentazzjoni li tindika dawn l-ezemplari, li giet markata bhala Dok. SG1. F'dan id-dokument hemm l-elenku tal-ezemplari kollha misjuba fis-sit in desamina u d-deskrizzjoni taghhom.

Qal li huwa staqsa lill-imputat jekk qattx kien ghamel xi applikazzjoni dak iz-zmien mad-Dipartiment tal-Ambjent kif ukoll il-MEPA biex ikun f'pozizzjoni li jzomm tali tajr ibbalzmat, u l-imputat hariglu kopja ta' dokument li allegatament kien ikopri l-kollezzjoni li hu kellu fil-post imsemmi. Dana d-dokument kien allegatament kopja ta' dikjarazzjoni li l-imputat kien ghamel mad-Dipartiment tal-Ambjent. Ix-xhud jghid li ha nota tar-*received date* tal-immagini tat-timbru fuq id-dokument li kien qed jurih l-imputat, liema timbru ta' *received date* kien jindika 16 ta' Frar, 1993, imbaghad ghamel il-verifiki tieghu rigward tali dikjarazzjoni.

Jghid li raha haga stramba li dan id-dokument kien igib it-timbru bid-data tas-16 ta' Frar, 1993 meta d-dikjarazzjonijiet kienu hargu fis-sena 1997. Konsegwentement cempel lill-imputat u talbu jghidlu kif kien gie f'idejh id-dokument in kwistjoni. Dan kien qallu li mmedjatament wara li kien ghamel id-dikjarazzjoni, qabel ma kien baghat din id-dikjarazzjoni bil-posta lid-Dipartiment tal-Ambjent kien ghamel *photocopy* tieghu. Allura huwa spjegalu li huwa mpossibbli li jkollu timbru *received* tad-Dipartiment meta huwa kien ghamel *photocopy* qabel ma baghtu, ghas-semplici raguni illi t-timbru tar-*received* jinghata fir-*registry* tad-Dipartiment. Huwa mbaghad staqsa lill-imputat jekk huwiex cert illi din il-kopja kien akkwistaha wara li huwa kien baghat id-dikjarazzjoni tieghu, u l-imputat irrispondih li huwa kien cert li hu qatt ma kien ghamel talba lid-Dipartiment tal-Ambjent biex jakkwista kopja ta' tali dikjarazzjoni wara li kien baghtha. Huwa allura sussegwentement ikkomunika mal-imputat, mar fir-residenza tieghu u talbu kopja tad-dokument ta' dina d-dikjarazzjoni.

Spjega li l-imputat mar jaghmel fotokopji ta' tali dikjarazzjoni u ghaddihielu. Spjega illi huwa personalment flimkien mal-imputat iccekjaw faccata, faccata din il-fotokopja. Ix-xhud esebixxa dina l-fotokopja li ghaddielu l-imputat bhala Dok. SG2. Huwa allura mbaghad kien f'posizzjoni li jkompli bir-ricerka tieghu a bazi ta' dan id-dokument minn fejn irrizultawlu diversi anomaliji. Jghid li l-ewwel anomalija tirrizulta vilzwalment minn kif wiehed ihares lejn id-dokument filwaqt li ohrajn ikunu evidenti meta wiehed jaghmel komparazzjoni ma' dokumenti ohrajn, cioe' ta' terzi, li huwa ghandu

access ghalihom fl-ufficcju. F'dan ir-rigward huwa kkompila rapport u esebixxa tali dokumentazzjoni li giet immarkata bhala Dok. SG3. Huwa spjega li jirrizultaw tal-inqas ghaxar istanzi fejn hemm dawna l-anomaliji.

Spjega illi huwa personalment ivverifika jekk kienx hemm *records* ta' dikjarazzjoni li jkopru l-kollezzjoni li nstabet ghand l-imputat, izda spjega illi ma jezistux. Spjega li fil-fehma tieghu id-dokumetazzjoni li ghaddielu l-imputat kienet wahda falza.

Spjega illi mbaghad fis-7 ta' Jannar, 2009 huwa rega' kkuntattja lill-Pulizija dwar l-ezemplari li gew sekwestrati ghaliex il-pusess taghhom kien wiehed illegittimu. Huwa esebixxa bhala Dok. SG4 lista tal-elenku tal-oggetti li gew sekwestrati u li allura kienu qeghdin fil-pusess tal-imputat b'mod illegali. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. SG5, li hija lista tal-ghasafar li jinsabu fil-Komunita' Ewropeja u li dawna jkunu jghixu fin-natural, jew ahjar fis-selvagg, u cioe' fl-ambjent naturali.

Huwa esebixxa dokument iehor, li gie mmarkat bhala Dok. SG6, li huwa sett ta’ ritratti li huwa gibed personalment dakinhar li saret l-ewwel spezzjoni fir-residenza tal-imputat, u cioe' fil-5 ta' April, 2008.

Illi nhar is-6 ta’ Novembru, 2014 rega’ xehed **Stanley Gatt** u spjega li huwa kien qed jesebixxi, in segwitu’ tax-xhieda tieghu tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru, 2009, it-timbru li bihom kienu jsiru r-*received documents* fir-registru tad-Dipartiment tal-Ambjent u dana

lura ghaz-zmien li hemm indikat fir-*received stamp* f'din il-kawza. Sfortunatament dan it-timbru ddeterjora sostanzjalment. Dan it-timbru gie  mmarkat mill-Qorti bhala dokument CSH.

Esebixxa dokument iehor li gie markat bhala dokument CSH1 li huwa faxxikolu bit-timbri maghmula minn dan l-istess timbru u spjega illi minn ezami ta' dokumentazzjoni li hawn esebita jirrizulta differenza bejn it-timbru wzat mid-Dipartiment u dak uzat mill-imputat.

Illi nhar is-6 ta’ Novembru, 2014 xehed **PS1033 Sandro Mangion** u spjega li nhar is-Sibt hamsa (5) ta' April, 2008 huwa mar jaghmel tfittixja fir-residenza Block A1, Bieb B, Flat 3, Triq id-Dawr, Mosta li hija r-residenza tal-imputat Emmanuel Fenech li gharaf prezenti fl-Awla. Spjega li fid-dar ta’ l-imputat kien sab vetrina u go fiha kien hemm mija u tnejn u tletin (132) tajra. Spjega li effettivament kienu bbalzmati u huwa naturalment sejjah lis-Sur Stanley Gatt mill-MEPA sabiex jassistih u jivverifika x'tip ta' ghasafar kienu.  Lill-imputat huwa staqsih jekk kienux iddikjarati w dan qallu li kienu. Spjega li effettivament il-vetrina kienet giet issigillata sakemm is-Sur Stanley Gatt ghamel il-verifiki tieghu.  Qal li din hija l-unika partecipazzjoni tieghu.

Illi nhar is-6 ta’ Novembru, 2014 xehed **PS305 Alfred Gauci** u spjega li nhar is-Sibt hamsa (5) ta' April, 2008 ghall-habta tat-tmienja ta'

filghodu (8:00am) flimkien ma' PC 804 huwa mar fir-residenza Block A1, Bieb B, Flat 3, Triq id-Dawr, Mosta residenza ta' l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla. Anzi spjega li ma marx fir-residenza tal-imputat izda mar fir-residenza tal-familjari tan-naha tal-mara tal-imputat u cioe' fl-indirizz Flat 3, Block G2, Qasam tal-bini tal-Gvern, Mosta u dana skond mandat mahrug lilu mill-Magistrat Jacqueline Padovani Grima.

Spjega li meta habbat il-bieb fetahlu Ray Agius detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 123857(M), infurmah li kellu mandat u ghaddielu kopja ta l-istess u spjegalu li kien se jaghmel tfittxija mad-dar ghall-allegat ghasafar jew tajr li seta' kellu b'mod illegali. Spjega illi Ray Agius ma oggezzjonax u kkopera mal-Pulizija. Waqt it-tfittxija, f'wahda mill-kmamar sab *freezer* li kien fiha tajra mejta. Mar ikompli jfittex fil-bitha, u spjega li kien hemm guva zghira w fiha kien hemm tajra ohra, li ghalkemm kienet mizmuma skond il-ligi, pero' kienet mejta.

Ix-xhud qal li eleva t-tajra li sab fil-*freezer*, li kienet kokka. Hawnhekk Ray Agius qallu li dik il-kokka ma kienitx tieghu izda kienet ta' hatnu Emmanuel Fenech. Huwa lil Ray Agius spjegalu li kien se jkellem lil Emmanuel Fenech ghaliex kien jaf li kien hemm kollegi tieghu li kienu se jaghmlu tfittxija ghand Emmanuel Fenech. Meta huwa lesta minghand Ray Agius mar hdejn id-dar ta' Emmanuel Fenech u kien spjegalu li sabu kokka mejta fil-*freezer* ta' Ray Agius.

Emmanuel Fenech stqarr li din kienet tieghu. Ix-xhud gharaf lil Emmanuel Fenech bhala l-imputat.

Spjega li nelfrattemp is-Surgent Sandro Mangion kien qed jaghmel tfittxija fir-residenza ta' Emmanuel Fenech u jaf illi hemm instabu xi vetrini bl-ghasafar. Jaf li prezenti hemmhekk kien hemm ukoll Stanley Gatt mill-MEPA li ried jaghmel elenku tat-tajr li kien hemm f'dawn il-vetrini. Ix-xhud jghid li hawn inqalghet problema ghaliex huma kellhom struzzjonijiet mill-ex Spettur Alexander Miruzzi illi Emmanuel Fenech kellu d-dokument tal-Mepa tat-tajr, ghalkemm dan qatt ma gie mghoddi lilhom. Spjega li allegatament dan id-dokument seta' kien falz. Jaf pero’ li Stanley Gatt baqa' jaghmel l-elenku tat-tajr. Qal li t-tajr dakinhar ma giex elevat, issigillaw il-vetrini fil-prezenza ta' Emmanuel Fenech. Infurmawh li kienu se jmorru d-Depot u seta’ jaghti l-kaz li kien ikollhom jergghu imorru, skond ma jordnalhom l-Ispettur.

Kompla li d-Depot tkellem mal-Ispettur Miruzzi, spjegawlu b'dak li kienu sabu u li kienu ssigillaw il-vetrina u jaf li jumejn (2) wara fis-7 ta’ April l-Ispettur tieghu rega' tah istruzzjoni sabiex jaghmlu kuntatt ma' Emmanuel Fenech u jeleva t-tajr kollu li kien hemm fil-vetrina. Huwa esebixxa ricevuta tal-kokka li huma elevaw mir-residenza ta' Ray Agius. Imbaghad ikkorega ruhu w informa lill-Qorti li t-tajra kienet kwakka w mhux kokka. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z. Esebixxa wkoll l-ircevuti tat-tajr li gew

elevati mir-residenza ta' Emmanuel Fenech li gew immarkati komplessivament bhala Dokument X. Inoltre esebixxa l-okkorrenza tal-Pulizija, li dak iz-zmien kienet issir bil-kitba, li giet immarkata bhala Dokument Y u filwaqt li spjega li din hija vera kopja ta' dak li hemm miktub fil-kotba mizmuma mill-Pulizija, iffirma dan l-istess rapport. Giet esebita wkoll kopja tal-mandati mahruga mill-Qorti u dawn gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument S. Ikkonferma li Emmanuel Fenech huwa l-imputat odjern li gharaf prezenti fl-Awla.

Illi nhar it-28 ta’ Novembru, 2014 xehed **Alexander Miruzzi** u ddikjara li hu kien stazzjonat l-A.L.E. Spjega li huma bdew jinvestigaw din l-informazzjoni dwar pussess illegali ta’ tjur u wara li kienu kkorroboraw l-informazzjoni li kellhom, kien talab lill-Magistrat Inkwirenti l-allura Magistrat Jacqueline Padovani Grima biex tohroglu mandat ta’ arrest u mandat fit-tfittxija fir-residenza Block A, Entratura 1B, Flat 3, Triq id-Dawra, Mosta.

Qal li kien baghat lil PS 305 Gauci flimkien ma' PC 804 Formosa u kien informa ukoll lill-Ispettur tal-ambjent Stanley Gatt biex imur fuq il-post. Gharaf lill-imputat odjern bhala s-Sur Fenech li huwa residenti fir-residenza msemmija. Spjega li Fenech kien ghadda dokument lill-Ufficjali tal-MEPA fejn allega illi dawk l-ghasafar li sabulu kienu fil-fatt registrati. Zied pero' li mir-ricerka li ghamlu l-Ufficjali tal-MEPA rrizulta li dak id-dokument ma kienx wiehed veritier fis-sens illi huwa falz u fil-fatt anke t-timbru mahrug mill-

MEPA kien zbaljat. Ix-xhud esebixxa dan id-dokument li gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument AM.

Spjega illi fil-hdax (11) ta' Gunju 2008 huwa kien kellem lill-imputat Emmanuel Fenech u dana fil-prezenza ta' PS 305 Gauci u dan wara li tah is-solita twissija skond il-ligi, infurmah bid-drittijiet tieghu. Fenech irrilaxxa l-istqarrija li giet esebita w dan gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument AM1. Fuqha gharaf il-firma tieghu, dik ta' PS 305 kif ukoll tal-imputat.

Illi l-imputat a tempo vergine ta' l-investigazzjoni kien irrilaxja stqarrija li giet immarkata bhala dok AM1 (fol. 189 et seq.). Huwa kkonferma li t-tjur li nstabu ghand omm il-mara fil-friza w fil-gagga, kienu tieghu. Fil-fatt jghid li t-tajra li nstabet mejta gol-gagga kienet kokka tax-xaghri w kienet mejta friska. Din kienet ilha ghandu xi sena filwaqt li l-kwakka li nstabet fil-friza kien gabhielu l-kelb u zammha hemm.

Rigwad it-tjur ta' gol-vetrina li kellu fid-dar residenzjali tieghu, jghid li dawn kienu ilhom ghandu is-snin. Spejga li whud mit-tajr li hemm imnizzel fid-dokumentazzjoni ma kienux ghadhom ghandu ghax dewwdu w ghalhekk kien ramihom. Iddikjara li d-dikjarazzjoni kienu kitbuhielu ghax hu ma jafx jikteb, u mbaghad hu kien mar bid-dokumentazzjoni d-Dipartiment tal-Ambjent u ttimbrawhomlu dak il-

hin li rregistrahom. Ikkonferma li l-firma li hemm fuqhom hija tieghu. Qal li kien jaf li fis-sena 1996 kien hemm amnestija, w cioe' meta hu kien mela d-dokumentazzjoni. Jaf ukoll li kien hemm amnestija ohra fis-sena 2003 izda fis-sena 2003 ma kien irregistra xejn. Insista li t-timbru sar fil-presenza tieghu w anke li hu ma kien qabbad u ma hallas lil hadd biex jaghmilulu.

Illi nhar it-3 ta' Marzu, 2015 xehed l-imputat **Emmanuel Fenech** minn jeddu w b'mod volontarju w spjega li jiftakar li huwa kien mar Belt is-Sebh gewwa d-Direttorat tal-Ambjent fejn tkellem ma' Charmaine waqt li Stanley Gatt kien hemmhekk. Qal li kien mar sabiex ikellimhom biex jaghmel registrazzjoni tat-tajr li kellu.

Spjega li filwaqt li effettivament kellu mija w tletin (130) tajra, fuq il-karta jaf li kien hemm imnizzel erbghin (40) tajra. Ghalhekk rega' mar lura d-Dipartiment u kienu rrangawlu l-karti huma. Talabhom il-fotokopji w ghamlulu t-timbru, fil-fatt qal li dan it-timbru ghamlitulu Charmaine stess. Qal li qabel dan l-incident ma kienx jaf lil Stanley Gatt. Rigward dak li qalu l-Pulizija, li l-vetrina giet issigillata, spjega li dan mhux minnu ghax din qatt ma giet issigillata. Anzi spjega li fil-fatt il-vetrina damet ghandu ghall-perjodu ta' aktar minn erba' (4) xhur sakemm gew u hadu t-tajr protett, izda t-tajr l-iehor hallewh hemm. Sussegwentement ircieva l-karti ghall-Qorti.

L-imputat qat li ghalkemm il-pulizija qalu li fid-Dipartiment ma kellhomx timbru tond, huwa kien f'posizzjoni li jesebixxi permessi mahruga mid-Dipartiment tal-Harsien tal-Ambjent fejn fuqhom hemm varji timbri tondi. Huwa esebixxa tliet (3) dokumenti li gew immarkati bhala dokument A, B u C. Spjega illi l-kaz in kwistjoni ilu ghaddej hames (5) snin. Qal li ricentement, cioe' fis-7 ta' Frar, 2015, gie sospiz mix-xoghol minhabba dan il-kaz. Sostna li d-dokumenti li ha l-MEPA kienu miktubin bl-idejn u kienet kitbithom il-mara u sa fejn jaf hu t-timbru sar il-MEPA stess fil-prezenza tieghu, fil-fatt ittimbrathom Charmaine.

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-atti u dan fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2015.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti mertu tal-kawza. Il-Prosekuzzjoni tallega li l-imputat ghamel falsifikazzjoni fit-timbru fuq id-dokumenti li pprezenta lid-Dipartiment tal-Ambjent, filwaqt li l-imputat jghid li huwa kien mar bid-dokumenti miktuba minn martu fid-Dipartiment sabiex jirregistra l-ghasafar li kellu biex jirregola l-posizzjoni tieghu u jigi skond il-ligi. Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin, ghalkemm jigi

rilevat sa mill-bidu nett ta' din is-sentenza li l-imputat ta l-verzjoni tieghu *a tempo vergine* tal-investigazzjoni meta gie nterrogat mill-Pulizija Esekuttiva w rega' ta l-istess spjegazzjoni meta xehed *viva voce* fil-Qorti nhar it-3 ta' Marzu 2015 u ghalhekk deher konsistenti f'dak li qal.

Illi ghalhekk m'hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda w dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra tqis l-imgieba, l-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, w ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti mhix f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex hija m'ghexitx il-process tul il-medda taz-zmien u ghalhekk m'hijiex f'posizzjoni li tezamina l-imgieba w il-komportament tax-xhieda kollha li xehdu, u ma setghetx tikkonstata *icto oculi* x'interess seta' kellu xi xhud dakinhar li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.  Jinghad li l-process spicca quddiemha b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef wara li kienu gja xehdu numru ta' xhieda.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri, w

dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol. III, Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubbju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel, referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et',** u tghid pero' li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubbju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli l-ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bwon sens tieghu, ikun moralment

konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Il-Qorti pero' thoss li fic-cirkostanzi ghandha tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reat addebitat lill-imputat.

Fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' siġilli, timbri jew marki oħra tal-Gvern kif dispost fl-Artikolu **172 (1) tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi is-segwenti:-

"*Kull min, barra mill-każijiet imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, jiffalsifika siġilli, timbri jew marki oħra, li qegħdin sabiex jissiġillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiċċertifikaw fl-isem tal-Gvern jew tal-awtoritajiet tiegħu, dokumenti jew oġġetti, sew jekk ta' proprjetà pubblika jew privata, jew li jkunu qegħdin taħt il-garanzija pubblika, jehel….*"

Dan l-artikolu tal-ligi ghandu jinqara flimkien mal-**Artikolu 176 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet** ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-

**"***Hemm il-falsifikazzjoni fis-sens tal-artikoli 171 u 172, mhux biss meta ssir il-għodda falza jew meta din tiġi applikata, iżda wkoll meta jsir użu falz tal-għodda vera*".

L-allegazzjoni tal-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz hi li l-imputat iffalsifika d-dokumenti li huwa pprezenta lid-Dipartiment tal-Ambjent u wara lill-Ufficcjal tal-Pulizija waqt l-investigazzjoni, fis-sens li t-timbru li kien hemm fuq id-dokumentazzjoni esebita fl-atti a fol. 25 et seq. immarkata bhala Dok. SG2 bil-kliem "*Received 16 Feb 1993*

*Environment Protection Department*" hija falza. Ghalhekk hija l-Prosekuzzjoni li ghandha tipprova din l-allegazzjoni taghha. Il-Prosekuzzjoni ghandha tipprova li kien l-imputat li ghamel it-timbru - allegatament falz.

L-imputat ma giex akkuzat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 189 tal-Kap. 9** u cioe' li ghamel uzu minn dokument li kien falz, f'liema kaz kien ikollha tipprova ix-s*cietnar criminis* tieghu, izda li kien hu li ghamel il-falsifikazzjoni w f'dan il-kaz l-allegat timbru falz.

Bir-rispett kollu, din il-Qorti fliet il-provi w id-dokumenti kollha, w minn imkien ma jirrizulta li kien hemm xi xhud li stqarr li ra lill-imputat jaghmel dan it-timbru fuq id-dokument SG2 jew addirittura lill-imputat jghid fl-istqarrija tieghu rilaxxjata *a tempo vergine* tal-investigazzjoni li kien hu li ghamel it-timbru. Anzi jirrizulta l-oppost u cioe' li l-imputat stqarr kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll aktar tard fil-Qorti *viva voce,* li huwa ha d-dokumentazzjoni lid-Dipartiment tal-Ambjent, u hemmhekk giet ittimbrata, w qal li t-timbru sar quddiemu stess dakinhar li mar bid-dokumentazzjoni w dan meta kienu qed isiru r-registrazzjonijiet ghall-amnestija. Mistoqsi fl-istqarrija mill-Ufficjal Investigattiv l-allura Spettur Alexander Paul Miruzzi jekk kienx hu li qabbad lil xi hadd biex jittimbralu d-dokumenti, jghid li ma kienx hu w mistoqsi jekk tax xi flus lil xi hadd sabiex jittimbra d-dokumenti, ghal darb'ohra jwiegeb b'mod kategoriku fin-negattiv. Aktar tard meta xehed fil-Qorti jghid li t-timbru sar il-MEPA minn certu Charmaine, u ghalhekk proprju dak il-hin il-Prosekuzzjoni setghet

talbet li jsir konfront bejn l-imputat u din Charmaine, li allegatament tahdem il-MEPA, liema talba pero' ma saritx.

In oltre jinghad li l-Prosekuzzjoni ma ressqet lill-ebda xhud sabiex jikkonferma kif kienu t-timbri kollha li kienu qed jintuzaw fis-sena 1993 fid-Dipartiment tal-Ambjent u ghalhekk il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li kif qed tallega t-timbru kien falz. Mhux bizzejjed li tharrek bhala xhud Stanley Gatt, u li dan jghid li huwa ghamel komparazzjoni mad-dokumenti tar-registrazzjoni ta' terzi mizmuma fid-dipartimet u li hu ghandu access ghalihom, u li kienu jidhru differenti. Dan ix-xhud semmai kellu jipprezenta dawn id-dokumenti li maghhom ghamel din l-allegata komparazzjoni w dan sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni ahjar li tara hi fejn huma dawn l-anomaliji u jekk hemmx bzonn tappunta espert sabiex jirrelata dwar dan il-fatt. Naturalment dan ix-xhud Stanley Gatt, impjegat mal-MEPA, zgur mhux xi xhud indipendenti. Jirrizulta li l-Prosekuzzjoni bbazat l-allegazzjoni taghha biss u limitatament fuq ix-xhieda ta' dan ix-xhud, li bir-rispett kollu mhix xhieda konvincenti ghal kollox.

In oltre l-Prosekuzzjoni setghet harrket bhala xhud rappresentant tad-Dipartiment tal-Ambjent li kien jahdem hemm fil-jum ta' meta sar it-timbru sabiex jghid x'kienet il-procedura li kienet tigi segwita meta kienu jsiru r-registrazzjonijiet relattivi w jekk dik il-persuna kinitx taf xi haga *di scienza propria* dwar il-kaz tal-imputat.

Ghaldaqstant l-ewwel akkuza ma tirrizultax provata b'mod sodisfacenti.

Fit-tieni lok l-imputat gie akkuzat li kellu fil-pussess tieghu ghasafar imharsa bil-ligi minghajr il-permess tad-Direttur fi hdan il-MEPA bi ksur tal-Artikolu 4(1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:-

"**4**. *Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:*

*(1) (a) ommisses*

*(b) ommisses*

*(ċ) ommisses;*

*(d) ommisses ;*

*(e) iżżomm lil xi għasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt dawn ir-regolamenti,ħlief (sottolinear ta din il-Qorti) skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sakemm dan l-għasfur ma jkunx ġie ddikjarat u reġistrat ma' l-Awtorità Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u dik il-persuna tkun ingħatat il-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorità Kompetenti sabiex iżżomm dak l-għasfur;"*

Ghalhekk biex din l-akkuza tirrizulta, l-Prosekuzzjoni trid fl-ewwel lok tipprova li l-imputat kellu fil-pussess tieghu ghasafar kemm hajjin kif ukoll mejtin li l-kacca ghalihom hija pprojbita **sakemm** dawn l-għasafar ma kinux gew iddikjarati u reġistrati ma' l-Awtorità Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003, u dik il-persuna (f'dan il-kaz l-

imputat) tkun ingħatat il-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorità Kompetenti sabiex iżżomm dawk l-għasafar.

Illi fid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok SG2 a fol. 25, jirrizulta li l-imputat kien irregistra numru ta' ghasafar li z-zamma taghhom hi kontra l-ligi jekk mhux registrti ma l-Awtorita kompetenti. Illi m'hemmx dubbju li ghalhekk l-imputat ma setax liberament izomm dawn l-ghasafar minghajr ma jirregistrahom. Issa minn ezami tad-Dok. SG2 jidher li l-imputat kien irregistra dawn l-ghasafar u dan fis-16 ta' Frar 1993 u ghalhekk qabel id-data fuq imsemmija, u konsegwentement jidher li l-imputat kien irregola l-posizzjoni tieghu u ghalhekk il-pussess ta' dawn l-ghasafar kien wiehed legittimu w sanat.

Ghalhekk it-tieni akkuza ma tirrizultax provata b'mod sodisfacenti.

Fit-tielet lok l-imputat gie akkuzat talli ddispona minn xi ghasafar minghajr m'ghamel talba lid-Direttur bi ksur tar-regolament 4(2) tal-AL 79 tas-sena 2006.

Dan is-sub-inciz jipprovdi s-segwenti:

(2) "*Kull min bi ħsiebu jittrasferixxi jew b'xi mod ieħor jiddisponi minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1)(e) għandu jagħmel dan wara talba lid-Direttur li għandu, fid-diskrezzjoni tiegħu, jawtorizza bil-miktub dak it-trasferiment jew id-disponiment*".

Issa mill-atti l-Prosekuzzjoni ma pprovatx li l-imputat f'xi hin iddispona minn xi ghasafar li kienu tieghu u registrati mad-Dipartiment. Iz-zewg ghasafar li nstabu ghand il-kunjatu tieghu huma proprjeta' tieghu u dikjarati fid-dokument SG2. Apparti dawn iz-zewg ghasafar, li wiehed minnhom kien fil-gagga mejjet firisk u ghalhekk ma kienx kontra l-ligi, w l-iehor li kien fil-friza pero' dikjarat fid-Dok. SG2, ma jirrizultax li kien hemm xi ghasafar ohra li ma kinux fil-pussess tieghu.

Fir-raba' w il-hames lok, l-imputat gie akkuzat talli kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta taht dawn ir-regolamenti bi ksur ta' l-Artikolu 27 (1) (b) ta' l-AL 70 tas-sena 2006 u talli agixxa bi ksur ta' dawn ir-regolamenti.

Dan **l-Artikolu** 27 jipprovdi s-segwenti:

*"**27.** (1) Kull persuna.–*
*(a) ommisses*
*(b) li tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa mposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti; jew*
*(ċ) li taġixxi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew*
*(d) ommisses"*

Issa din il-Qorti ezaminat bir-reqqa dan l-avviz legali w ma taghrafx liema projbizzjoni jew restrizzjoni qed jigi allegat li l-imputat kiser. Lanqas ma jirrizulta liema disposizzjoni tar-regolament qed jinghad li nkisret. Dwar l-allegazzjoni li kien hemm xi regolament li l-imputat

naqas li jikkonforma ruhu mieghu, u cioe' li ma rregistrax l-ghasafar, kif kien mistenni li jaghmel, il-Prosekuzzjoni hija zbaljata, ghaliex mis-suespost jirrizulta l-oppost kif intqal aktar 'il fuq. Jidher li bl-agir tieghu kif fuq spjegat, li l-imputat irregistra l-ghasafar li kellu, huwa ssana l-posizzjoni illegittima li kellu.

Fis-sitt lok l-imputat gie akkuzat talli huwa recidiv skond l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad illi sabiex din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza distinta ta' recidiva, trid l-ewwel issibu hati ta' akkuzi ohra fil-perijodu kontemplat fl-istess Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante li din il-Qorti mhix qed issibu hati ta' l-akkuzi principali ma tistax issibu hati ta' l-akkuza tar-recidiva ghaliex ma tissussistix.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi w cioe' l-**Artikoli 49, 50, 172 u 176 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 4(1) (2) u 27 (1) (b) (c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 tal-Ligijiet ta' Malta** tiddikjara li ma ssibx lill-imputat EMMANUEL FENECH hati ta' l-akkuzi kif dedotti w tilliberah minnhom.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**